## ***L-ikla tal-Mulej (F'aktar dettal) – Marilyn Bellizzi***

***Kelmtejn Qabel***

*F'dawn in-noti għandek issib it-tifsira tat-tqarbin/il-mejda tal-Mulej hekk kif inhi murija fil-Bibbja.*

*Meta taqra dak li hawn miktub hawnhekk tifhem li, li tieħu sehem fit-tqarbin huwa parti essenzjali mmens fil-ħajja ta' KULL Kristjan u huwa obbligu tagħna li nagħtu widen għal kliem Ġesu fl-aħħar ċena meta qalilna; "agħmlu dan".*

*Ġesu Kristu li huwa ħaj għal dejjem, huwa preżenti b'mod reali f'ħajjitna kollha speċjalment waqt it-tqarbin għax kif tgħid il-Bibbja stess, fejn tnejn jew tlieta jinġabru f'isem Ġesu, Hu jkun f'nofshom.*

***Ġwanni Kapitlu 6 – (Tista' taqra dan il-kapitlu mill-Bibbja tiegħek)***

***N.B Importanti li dan il-passaġġ mill-Bibbja (Ġwanni kapitlu 6) jinqara minħabba li l-ispjegazzjoni fill-paragrafi ta' wara hija bbażżata fuqu.***

***[Ġw:6:1]*** *Wara dan, Ġesù telaq lejn in-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija, jew ta' Tiberija.* ***[Ġw:6:2]*** *Ħafna nies marru warajh, għax raw is-sinjali li kien jagħmel bil-fejqan tal-morda.* ***[Ġw:6:3]*** *Ġesù tela' lejn l-għoljiet u qagħad hemm bilqiegħda mad-dixxipli tiegħu.* ***[Ġw:6:4]*** *Kien qrib l-Għid, il-festa tal-Lhud.* ***[Ġw:6:5]*** *Ġesù rafa' għajnejh, lemaħ kotra ta' nies ġejja lejh, u qal lil Filippu: "Mnejn nixtru l-ħobż biex dawn ikollhom x'jieklu?"* ***[Ġw:6:6]*** *Dan qalulu biex jippruvah, għaliex hu kien jaf x'sejjer jagħmel.* ***[Ġw:6:7]*** *Filippu wieġbu: "Mitejn dinar ħobż ma jkunux biżżejjed għalihom biex kull wieħed minnhom jieħu xi ftit."* ***[Ġw:6:8]*** *Wieħed mid-dixxipli tiegħu, Indrì, ħu Xmun Pietru, qallu:****[Ġw:6:9]*** *"Hawn tfajjel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar; imma dawn x'inhuma għal daqshekk nies?"* ***[Ġw:6:10]*** *"Qiegħdu n-nies bilqiegħda," qal Ġesù. Dik in-naħa kien hemm ħafna ħaxix. Għalhekk in-nies, xi ħamest elef raġel, qagħdu bilqiegħda.* ***[Ġw:6:11]*** *Ġesù ħa l-ħobżiet, radd il-ħajr, u qassamhom lil dawk li kienu bilqiegħda; hekk ukoll għamel bil-ħut, u kulħadd ħa kemm ried.* ***[Ġw:6:12]*** *Meta xebgħu, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Iġbru l-loqom li baqa', biex xejn ma jinħela."* ***[Ġw:6:13]*** *Marru jiġbruhom, u mlew tnax-il qoffa bil-loqom li kien fadlilhom in-nies mill-ħames ħobżiet tax-xgħir wara li kienu kielu.* ***[Ġw:6:14]*** *Għalhekk dawn in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: "Dan hu tassew il-Profeta li għandu jiġi fid-dinja!"* ***[Ġw:6:15]*** *Imma Ġesù, meta ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh bilfors ħalli jagħmluh sultan, raġa' warrab waħdu lejn l-għoljiet.*

***[Ġw:6:16]*** *Xħin sar filgħaxija, id-dixxipli tiegħu niżlu ħdejn il-baħar,* ***[Ġw:6:17]*** *rikbu dgħajsa u ġibdu għax-xatt l-ieħor tal-baħar, lejn Kafarnahum. Kien ġa dalam, u Ġesù kien għadu ma ġiex jilħaqhom.* ***[Ġw:6:18]*** *Il-baħar kien qam sewwa, għax kien qiegħed jonfoħ riħ qawwi.* ***[Ġw:6:19]*** *Mela wara li kienu qadfu xi ħamsa u għoxrin jew tletin stadju, raw lil Ġesù miexi fuq il-baħar riesaq lejn id-dgħajsa, u beżgħu.* ***[Ġw:6:20]*** *Imma hu qalilhom: "Jiena hu, la tibżgħux."* ***[Ġw:6:21]*** *Għalhekk riedu jtellgħuh fuq id-dgħajsa, iżda minnufih id-dgħajsa messet l-art fejn kienu sejrin.*

***[Ġw:6:22]*** *L-għada, in-nies li kienu għadhom in-naħa l-oħra tal-baħar raw li hemmhekk ma kienx hemm ħlief dgħajsa waħda u li Ġesù ma kienx tela' fiha mad-dixxipli tiegħu, imma li d-dixxipli kienu marru weħidhom.* ***[Ġw:6:23]*** *<u>Mela waslu xi dgħajjes oħra minn Tiberija qrib fejn kienu kielu l-ħobż wara li l-Mulej kien radd il-ħajr.</u>* ***<u>[Ġw:6:24]</u>*** *<u>Iżda n-nies, meta raw li fuqhom la kien hemm Ġesù u lanqas id-dixxipli tiegħu, telgħu fuq id-dgħajjes u marru lejn Kafarnahum ifittxu lil Ġesù.</u>*

***[Ġw:6:25]*** *<u>U meta sabuh in-naħa l-oħra tal-baħar staqsewh: "Rabbi, meta ġejt hawn?"</u>* ***<u>[Ġw:6:26]</u>*** *<u>Ġesù weġibhom: "Tassew tassew ngħidilkom, intom qegħdin tfittxuni mhux għax rajtu sinjali, imma għax kiltu mill-ħobż u xbajtu</u>.* ***[Ġw:6:27]*** *Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, dak li Bin il-bniedem jagħtikom, għaliex lilu Alla l-Missier immarka bis-siġill tiegħu."* ***[Ġw:6:28]*** *Mbagħad staqsewh: "X'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri ta' Alla?"* ***[Ġw:6:29]*** *Weġibhom Ġesù: "L-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa bagħat."* ***[Ġw:6:30]*** *Qalulu: "X'sinjal se tagħmel biex aħna narawh u nemmnuk? X'sejjer tagħmel?* ***[Ġw:6:31]*** *Missirijietna kielu l-manna fid-deżert, bħalma hemm miktub, 'Tahom jieklu ħobż*

*mis-sema.' " **[Ġw:6:32]** Weġibhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema; **[Ġw:6:33]** għaliex il-ħobż ta' Alla huwa dak li jinżel mis-sema u jagħti l-ħajja lid-dinja."*

***[Ġw:6:34]** "Sinjur," qalulu huma, "agħtina dejjem minn dan il-ħobż." **[Ġw:6:35]** Weġibhom Ġesù: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx. **[Ġw:6:36]** Imma jiena ġa għedtilkom li, għalkemm rajtuni, ma emmintux. **[Ġw:6:37]** Dawk kollha li jagħtini Missieri jiġu għandi, u min jiġi għandi ma nkeċċihx 'il barra; **[Ġw:6:38]** għax jiena nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni. **[Ġw:6:39]** Issa r-rieda ta' min bagħatni hija din: li jiena ma nitlef xejn minn dak kollu li tani, iżda li nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum. **[Ġw:6:40]** Din hi tabilħaqq ir-rieda ta' Missieri: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum."*

***[Ġw:6:41]** Il-Lhud bdew igergru fuqu għax kien qal, 'Jiena hu l-ħobż li niżel mis-sema.' **[Ġw:6:42]** U bdew jgħidu: "Dan m'huwiex Ġesù bin Ġużeppi? Lil missieru u 'l ommu ma nafuhomx? Mela kif qiegħed jgħid, 'Jiena nżilt mis-sema'?" **[Ġw:6:43]** Ġesù weġibhom: "Toqogħdux tgorru bejnietkom. **[Ġw:6:44]** Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja; u jiena nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum. **[Ġw:6:45]** Hemm miktub fil-Profeti, 'U kulħadd ikun mgħallem minn Alla.' Mela kull min jisma' lill-Missier u jitgħallem minnu jiġi għandi. **[Ġw:6:46]** Mhux għax xi ħadd qatt ra lill-Missier ħlief dak li hu minn Alla; hu dan li ra lill-Missier. **[Ġw:6:47]** Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen għandu l-ħajja ta' dejjem. **[Ġw:6:48]** Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. **[Ġw:6:49]** Missirijietkom kielu l-manna fid-deżert, u mietu; **[Ġw:6:50]** dan hu l-ħobż nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx. **[Ġw:6:51]** Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja."*

***[Ġw:6:52]** Fuq hekk il-Lhud tlewwmu bejniethom, u bdew jgħidu: "Kif jista' dan jagħtina ġismu biex nikluh?" **[Ġw:6:53]** Ġesù mela qalilhom: "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom. **[Ġw:6:54]** Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajjmu mill-imwiet fl-aħħar jum. **[Ġw:6:55]** Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb. **[Ġw:6:56]** Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih. **[Ġw:6:57]** Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija. **[Ġw:6:58]** Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema; m'huwiex bħal dak li kielu missirijietkom u mietu; min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem." **[Ġw:6:59]** Dan qalu huwa u jgħallem fis-sinagoga, f'Kafarnahum.*

***[Ġw:6:60]** Ħafna dixxipli tiegħu, meta semgħuh, qalu: "Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu?" **[Ġw:6:61]** Ġesù ntebaħ waħdu li d-dixxipli tiegħu kienu qegħdin igergru fuq hekk, u qalilhom: "Dan il-kliem qiegħed ifixkilkom? **[Ġw:6:62]** Mela xi tgħidu kieku kellkom taraw lil Bin il-bniedem tiela' fejn kien qabel? **[Ġw:6:63]** Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn. Il-kliem li jiena għedtilkom huwa spirtu u ħajja. **[Ġw:6:64]** Iżda hemm xi wħud fostkom li ma jemmnux." <u>Għaliex Ġesù kien jaf sa mill-bidu min kienu dawk li ma emmnux</u> u min kien dak li kellu jittradih. **[Ġw:6:65]** U ssokta jgħidilhom: "Kien għalhekk li jiena għedtilkom li ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier ma jagħtihx li jiġi." **[Ġw:6:66]** Minn dak in-nhar ħafna mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh. **[Ġw:6:67]** Mbagħad Ġesù qal lit-Tnax: "Tridux titilqu intom ukoll?" **[Ġw:6:68]** Wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, **[Ġw:6:69]** u aħna nemmnu u żguri li int dak 'il Kristu Bin Alla 'l Ħaj." **[Ġw:6:70]** Qalilhom Ġesù: "M'hux jien kont li għażiltkom lilkom it-Tnax? U madankollu wieħed minnkom huwa xitan." **[Ġw:6:71]** Kien qiegħed jgħid għal Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota, għax kien hu li kellu jittradih, hu, wieħed mit-Tnax.*

***<u>Ġwanni 6: Il-Kisba għall-Ħajja ta' Dejjem</u>***

Tajjeb li nżommu f'moħħna li dan il-kapitlu m'għandu xejn x'jaqsam mat-twaqqif tat-tqarbin. Dan ġara qabel l-aħħar ċena u mhux fl-aħħar ċena. Għalhekk ix-xenarju fi Ġwanni 6 huwa differenti minn dak ta' l-aħħar ċena.

Meta taqra Ġwanni 6 mill-bidu tinduna li Ġesu beda jqabbel lilU nnifsu mal-ħobż għax in-nies kienu qed ifittxu lil Ġesu mhux għax riedu jismgħu leħnu imma għax qabel kien għamel il-miraklu tal-ħobż u għalhekk bdew jimxu warajh biex jerġa' jagħtihom il-ħobż materjali biex jieklu minnu. Iżda Hu qalilhom biex ma jfittxux l-ikel li jgħaddi (li jmantni l-ġisem) iżda dak li jibqa' (li jmantni r-ruħ). Il-messaġġ li ried iwassal Ġesu kien li jieklu kemm jieklu għal għejxien huwa għal xejn għax xorta xi darba rridu mmutu. Għalhekk infittxu li nitimgħu mhux lil ġisimna imma lir-ruħ li tibqa' għal dejjem, b'hekk ikollna l-ħajja ta' dejjem. Iġifieri hawnhekk Ġesu ma kienx qed iwaqqaf "l-ewkaristija", hekk kif ħafna jsejħulha.

Iżda kif niksbu l-ħajja ta' dejjem skond kif inhu muri f'dan il-kapitlu? X'ried iwasslilna Ġesu permezz ta' dan il-kapitlu?

Ħafna jistaqsu jekk Ġesu fi Ġwanni 6, kienx qed jitkellem litteralment jew le, meta qal li Hu l-ħobż tal-ħajja. Hawn min jemmen li kliem Ġesu kien wieħed metaforiku u ried ifisser li permezz tat-twemmin fil-Kelma tiegħU aħna jkollna l-ħajja ta' dejjem.

Hawn oħrajn li jemmnu li Hu qal din il-frażi għax il-ħobż isir ġismu waqt it-tqarbin. U jkomplu jsaħħu dan għax "Jien hu l-ħobż" qalha aktar minn darba. Apparti minhekk, wara li Ġesu spjegalhom f'vers 64 li "Hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja" għax kien hemm min ma fehemx, avolja xi wħud xorta ma fehmux, Ġesu ma reġax tenna li l-Ispirtu jagħti l-ħajja (iġifieri li huma jista' jkollhom il-ħajja jekk jieħdu lil Ġesu spiritwalment). Iżda li Hu l-ħobż qalha aktar minn darba, allura hawn min jassumi li Ġesu kien qed jgħid li hu l-ħobż litteralment.

Mhux hekk biss, Ġesu ma waqqafhomx lid-dixxipli meta rahom li ser jitilquh għax ma fehmux kif wieħed jista' jiekol ġisem Ġesu (meta kien qed jitkellem metaforikament). Allura kieku kienet xi ħaġa hekk sempliċi li jfiehemhom li kien qed iqabbel lilu nnifsu mal-ħobż kieku għaliex ma reġax spjegalhom forsi kienu jifhmuh u jibqgħu miegħU? Allura għal ħafna dan seta' jfisser li dan kien sinjal li Hu veru l-ħobż (iġifieri tista' tieklu). U mhux talli hekk, wara li rahom telqu, dar lejn l-appostli u qalilhom, "tridux titlqu intom ukoll"? Dan huma mistoqsijiet li jġiegħlu lil wieħed jemmen li Ġesu qalilna biex nieklu ġismu tassew. Iżda issa nanalizzaw sew kliem Ġesu ħalli naraw x'kien li ried ifisser.

Jekk tara vers 66 fi Ġwanni 6 jgħidlek li ħ*afna* mid-dixxipli telquh. Iġifieri ma qallekx li telquh kollha imma *ħafna*. U anke jgħidlek li ma mxewx iżjed miegħU. Iġifieri dawn ma kinux imsejħin biex jagħrfu l-kobor ta' Alla (ma mxewx iżjed miegħU turi li huma ma kienu qatt ser jaslu biex jirritornaw wara Ġesu). Infatti f'vers 64, wara li Ġesu spjega li "hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja" (għax ħafna bdew jaħsbu li qalilhom biex jieklu ġismu) jgħid li Ġesu kien jaf min kienu dawk li ma jemmnux. Iġifieri kieku spjegalhom kemm-il darba x'ried ifisser biha meta qal li Hu l-veru ħobż tal-ħajja, huma ma kinux ser jemmnu għax ma kinux imsejħin biex jagħrfuh. Kien għalhekk li "hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja" ma qalhiex diversi drabi bħalma qal diversi drabi "Jien hu l-ħobż tal-ħajja" u mhux għax kienet diffiċli għalih li jispjegalhom x'ried jgħid.

Iżda Pietru, li kien wieħed mill-imsejħin, wera li hu fehem li Ġesu għandu l-*kliem* tal-ħajja ta' dejjem (Ġwanni 6:68). Pietru fehem li Ġesu kien qed iqabbel il-ħobż mal-kelma li jagħti Hu għall-ħajja ta' dejjem. Pietru fehem li Ġesu kien qed jitkellem metaforikament.

Minn vers 27 Ġesu jurina li ser jitkellem metaforikament iġifieri ser iqabbel xi ħaġa ma' xi ħaġa; "La taħdmux għall-ikel li jintemm, imma għal dak l-ikel li jdum għall-ħajja ta' dejjem". Hawn xi ikel li tista' tmissu li jdum għall-ħajja ta' dejjem? Le, mela Ġesu mhux qed jitkellem litteralment hawnhekk. Dan il-vers ikompli hekk "…li jagħtikom Bin il-bniedem: għax fuqu Alla l-Missier qiegħed *is-siġill* tiegħu". Iġifieri dak li għalih kien qed jirreferi Ġesu f'dan il-kapitlu huwa xi ħaġa marbut b'*siġill* (siġill tfisser ukoll patt). X'ser jagħtina Ġesu skond il-patt, ġismu biex niekluh jew il-Kelma? *(Fil-paġni li ġejjin issib spjegazzjoni fid-dettal fuq x'kien il-patt il-ġdid li għamel magħna Alla permezz ta' Ġesu u li Pawlu jiddeskrivih hekk; Din hi r-rabta li nagħmel magħhom wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u f'moħħhom niktibhomlom; U fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar." (Lhud 10:16-17). Innota l-kliem b'sing taħthom jirreferu għal xi ħaġa miktuba. Allura hawnhekk naraw li dak li ser jagħtina Bin il-bniedem b'patt huwa rabta permezz tal-kitba u mhux li nieħdu ġisem Ġesu litteralment iżda li nieħdu lil Ġesu f'qalbna spiritwalment permezz ta' l-għarfien li jagħtina l-Ispirtu s-Santu. U kif aħna nistgħu nieħdu lil Ġesu permezz ta' xi ħaga miktuba, jekk mhux permezz tal-Kelma tiegħu stess li hija l-Bibbja?)*

Biex inkompli norbot ma' vers 27, Ġesu qal: "li *jagħtikom* Bin il-bniedem" – "jagħtikom" (ma qalilhomx "li ser jagħtikom", qed jitkellem fil-preżent) turi li din il-ħaġa Ġesu kien diġa' qed jagħthielhom (iġifieri l-ħobż li qed jirreferi għalih, kien diġa' qed idewwaqna minnu.) Il-ġisem biex neħduh fit-tqarbin kien għadu ma tahulniex, imma l-Kelma iva. Dan ikompli juri li Hu kien qed jitkellem metaforikament. U wara li Ġesu qalilhom hekk, huma staqsewh kif jistgħu jagħmlu r-rieda t'Alla? U Hu qalilhom f'vers 29: "Dan hu l-għemil ta' Alla, illi *temmnu* f'min bagħat". Ma qalilhomx "illi tieħdu ġismi litteralment". Ġesu kontinwament qed jirreferi għall-affarijiet li jagħtina Hu permezz tal-Kelma – twemmin.

B'dan nifhmu li f'dan il-kapitlu Ġesu qed jitkellem fuq il-**kelma** li jagħtina Hu għall-ħajja ta' dejjem. Qed iqabbel l-ikel u x-xorb li huma importanti għall- ħajja f'din id-dinja, ma' dak li jagħtina Hu li huwa importanti għall-ħajja mhux ta' din id-dinja imma dik eterna. Għaliex Ġesu jgħid li l-ħobż Hu ġismu u jqabblu mal-Kelma?

Ir-risposta qiegħda fi Ġwanni 1:14 "Il-Kelma saret ġisem u għammret fostna". Qabel ma' Ġesu ġie fid-dinja, kellna biss il-Kelma, iżda mbagħad Alla 'l Missier bagħat lil Ġesu biex dak li kien hemm miktub fil-Kelma jseħħ, biex il-kelma li jagħtina Ġesu ma tibqax biss miktuba iżda toħroġ minn fommu stess u ssir xi ħaġa ħajja bħal ġisem. Dan ikompli jfissrilna li;
Il-Kelma ta' Ġesu = Ħajja ta' Dejjem u mhux li "nieklu" ġismu fit-tqarbin. F'Apokalissi 19:13 inkomplu nikkonfermaw dan: "kien liebes mantar imċappas bid-demm, u kien jismu l-Kelma ta' Alla" (Jekk taqra dan il-kapitlu kollu tinduna li hawnhekk qed jirreferi għal Ġesu meta jgħid li ismu kien "il-Kelma ta' Alla"). Mela Ġesu huwa l-Kelma ta' Alla u meta nieħdu l-Kelma ta' Alla, iġifieri nemmnu fiha u nimxu magħha, hemmhekk inkunu qed nieħdu lil Ġesu.

Ġesu qal hekk:
Fi Ġwann 6:47 "min jemmen fija *għandu l-ħajja ta' dejjem*"
Fi Ġwanni 6:54 "Min jiekol ġismi u jixrob demmi*, għandu l-ħajja ta'dejjem*"
Hawn Ġesu juża' l-istess diskors bi differenza li fejn isemmi ġismu u demmu, isemmi t-twemmin (qed iqabbel it-twemmin ma' ġismu u demmu). B'dan Ġesu qed ifisser li min jiekol ġismu u jixrob demmu, iġifieri min jemmen, għandu l-ħajja ta' dejjem.

Biex ikompli jsaħħaħ dan Ġesu jikkonferma li Hu qed jitkellem fuq ġismu u demmu spiritwalment (twemmin) u mhux litteralment. Fi Ġwanni 6:63 "Hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja". Hawnhekk Ġesu (meta d-dixxipli ma kinux qedgħin jifhmu) qal li l-ġisem ma jiswa għal xejn.
Hu l-Ispirtu li jagħti l-ħajja. Allura **Spirtu = <u>ħajja</u>** ta' dejjem.
Imbagħad iżid li l-kliem li jgħidilna huma spirtu u ħajja. Allura:
**Kliemu = *Spirtu* u <u>ħajja</u>** (ta' dejjem) (u mhux li tiekol ġismu u tixrob demmu).
F'vers 68 Pietru jkompli jikkonferma dan: "int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem".

Mela fuq x'hiex qed jitkellem hawnhekk Ġesu għall-kisba tal-ħajja ta' dejjem? Fuq li nieklu ġismu jew li nemmnu fih permezz ta' kliemu?

Huwa kliemu li għandna nieħdu biex nirtu l-ħajja ta' dejjem. Kieku Ġesu fi Ġwann kapitlu 6 kien qed jitkellem fuq ġismu u demmu litteralment, kien ikun qed jikkontradixxi lilu nnifsu għax f'vers 63 qal li l-ġisem ma jiswa xejn.

Apparti minhekk, f'vers 35 qalilhom: "Jien hu l-ħobż tal-ħajja; min jiġi għandi ma jieħdu ġuħ qatt: min jemmen fija ma jieħdu għatx qatt". Kieku Ġesu qed jitkellem litteralment, kieku kif wara li titqarben jaqbdek ġuħ? Kif jaqbdek l-għatx? U ma ninsewx ukoll li f'dan il-vers Ġesu qal li "*min jemmen"* fih ma jaqbdux għatx u mhux "min jixrob demmu" ma jaqbux għatx. It-twemmin tista' tixorbu? Allura litteralment qed jitkellem Ġesu meta qal kulu ġismi u ixorbu demmi?

Fil-ktieb ta' Ġwanni naraw sensiela fejn Ġesu jqabbel lilu nnifsu ma' xi ħaġa eżempju: "Jien id-dawl tad-dinja" (8:12), "Jien hu l-bieb tan-nagħaġ" (10:7), "Jien hu r-ragħaj t-tajjeb" (10:11), "Jien u l-qawmien u l-ħajja" (11:25), "Jien it-triq" (14:6), "Jien id-dielja tas-sewwa" (15:1). Allura dan ifisser li Ġesu huwa litteralment bieb, ragħaj, triq? Allura għaliex frażi bħal "Jien hu l-ħobż tal-ħajja" (6:35) għandha tittieħed litterali meta fil-ktieb ta' Ġwanni, Ġesu iqabbel lilu nnifsu ma' ħafna affarijiet biex iwassal messaġġ? Ma jkunx qed jgħid li Hu veru bieb (forma ta' bieb) imma jqabbel lilu nnifsu ma' xi ħaġa.

Dan ikompli juri li l-istil li bih tkellem Ġwanni kien penġa lil Ġesu iqabbel lilu nnifsu ma' xi ħaġa biex jgħallem xi ħaga. L-istess f'Kapitlu 6. Huwa qabbel Kliemu mal-kisba għall-ħajja ta' dejjem.

Dawn huma ftit eżempji mill-ktieb ta' Ġwanni fejn juru li Ġesu kien jagħti importanza kbira għall-Kelma tiegħU u li hi l-Kelma tiegħU li twassal għal ħajja ta' dejjem u mhux it-tqarbin (billi nieklu ġismu u demmu):

- **Ġwanni 12:49-50** "Għax jien ma tkellimtx minni nnifsi; iżda l-Missier li bagħatni, Hu <u>ordnali x'għandi ngħid</u>, u x'għandi nitkellem. <u>U naf li l-ordni tiegħU hi l-ħajja ta' dejjem</u>; għalhekk kulma nitkellem, kif qalli l-Missier, hekk nitkellem jien." Hawnhekk Ġesu jgħid li Huwa permezz tal-Kelma li tana Hu li aħna jkollna l-ħajja ta' dejjem.
- **Ġwanni 10:27-28** "In-nagħaġ tiegħi <u>jisimgħu leħni</u>, u jien nagħrafhom, u jiġu warajja; u jien <u>nagħtihom il-ħajja ta' dejjem".</u>
- **Ġwanni 3:16** "Għax Alla hekk ħabb id-dinja, li ta l-Iben waħdieni tiegħu, biex kull <u>min jemmen</u> fih ma jintilifx, iżda <u>jkollu l-ħajja ta' dejjem</u>"

- **Ġwanni 11:25** "min jemmen fija, għad illi jkun mejjet, igħix: u kull min igħix u jemmen fija ma jmut qatt"
- **Ġwanni 6:35** "min jiġi għandi ma jieħdu ġuħ qatt; u min jemmen fija ma jieħdu għatx qatt". Ġesu hawnhekk jispjega kif nistgħu mmoru għandu. Billi nemmnu fiH. U hawnhekk ukoll qed iqabbel it-twemmin ma' ikel u xorb.

Dan ma jagħmilix diffiċli għalina biex nifhmu li f'kapitlu 6, Ġwanni ukoll kien qed jitkellem fuq l-importanza tal-Kelma ta' Ġesu għall-ħajja ta' dejjem u li Hu jista' jagħtina dak kollu li Huwa Hu permezz tal-Kelma tiegħU.

***Iżda ħafna jaf jistaqsu: Jekk meta Ġesu fi Ġwanni kapitlu 6 qalilna "kulu ġismi" kien qed jirreferi għal kelma li jagħtina Hu, allura meta f'vers 54 qalilna "ixorbu demmi" għalxiex kien qed jirreferi?***

Huwa veru li Ġesu tkellem u ffoka l-aktar fuq il-ħobż għax in-nies fittxewh wara li kien għamel il-miraklu tal-ħobż (il-miraklu tal-ħobż biss kien u mhux tal-ħobż u nbid), iżda kif naraw aktar 'il quddiem, Ġesu ma setax jitkellem fuq ġismu mingħajr ma jsemmi demmu għax dawn it-tnejn huma inseparabbli.

Għalhekk irridu nagħtu importanza għall-istess kliem ta' Ġesu meta qal "ixorbu demmi". F'vers 54 Ġesu jgħid: "**Min jiekol ġismi, u jixrob demmi**, għandu l-ħajja ta' dejjem". Dan ma jfissirx li permezz ta' dan il-vers, Ġesu tana l-awtorita' biex nieklu ġismu u nixorbu demmu fit-tqarbin. Allura x' ried ifisser Ġesu meta qalilna biex nixorbu demmu?

Li huwa fi żgur huwa li Ġesu hawnhekk ma kienx qed jitkellem litteralment, mhux biss għax meta rrefera għall-ġismu kien qed jitkellem metaforikament, imma għax Ġesu Hu Alla u ma jista' qatt jasal jikkontradixxi l-Kelma tiegħU stess. Fil-Kelma ta' Alla nsibu:

- (Ġenesi 9:4) "Iżda **tiklux laħam** li jkun għadu bil-ħajja tiegħu, li **hi demmu**." Aħna nemmnu li Ġesu huwa Ħaj, allura hija bibblika li tixrob demm ta' xi ħadd ħaj? Le.
- (Atti 15:20) "Iżda niktbulhom, biex **jitbiegħdu** mit-tniġġis ta' l-idoli….u **mid-demm**." Fit-testment il-ġdid ukoll jidher li ma jistax jittieħed demm. Allura jekk fit-tqarbin Ġesu qed jgħidilna nieħdu demmu litteralment, ikun qed jikkontradixxi l-Bibbja. (Ara ukoll Atti 15: 29 u Atti 21:25)

Meta Ġesu kien fuq is-salib ta/xerred demmu **KOLLU** għalina allura ma jista' qatt jerġa' jagħtik demmu. Infatti fi Ġwann 19:34 naraw li meta "wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu bil-lanza… ħareġ demm u ilma." Iġifieri demmu kien ħareġ kollu tant li mbagħad beda joħroġ ilma.

Dawn huma fatturi li juru li Ġesu ma qalilnix biex nieħdu demmu litteralment bħalma rajna ukoll meta kien qed jirreferi għall-ġismu bħala ħobż. Li tifhem li Ġesu qalilna li min jieħu l-Kelma tiegħU (imqabbla ma' ġismu), ikollu l-ħajja ta' dejjem, tagħmel sens; iżda x'ried ifisser Ġesu meta qalilna li biex ikollna l-ħajja ta' dejjem, irridu wkoll nixorbu demmu (la ma kienx qed jitkellem litteralment)? Mhux biżżejjed li nieħdu kelmtu għall-ħajja ta' dejjem?

Nerġa' ntenni li rridu nifhmu li ma tista' qatt tifred id-demm ta' Ġesu minn ġismu. Dan għaliex, kif rajna fl-Iskrittura stess, il-ħajja hi fid-demm (Ġenesi 9:4). Ġesu tana ħajtu, u meta tana ħajtu, tana kemm ġismu kif ukoll demmu (kif diġa' rajna, meta Ġesu tana ġismu fuq is-salib, tana ukoll demmu KOLLU). Iġifieri, Ġesu tana lilu nnifsu kollu kemm Hu, meta miet fuq is-salib biex wara qam mill-mewt. Kieku ma qamx mill-mewt, kien ikun bħall-profeti l-oħra. Iżda permezz ta-rebħa fuq id-demm li xerred għalina, Ġesu wera li kliemu huma tassew verita', li Hu għalhekk Alla u li meta qal li min jemmen fiH ikollu l-ħajja ta' dejjem, kien qed jgħid il-verita'. Ġesu ma ġiex fid-dinja biex jagħtina l-Kelma biss li hija rapreżentata bħala ġismu fil-kapitlu ta' Ġwanni, imma biex jagħti ukoll demmu (ħajtu) għalina, jieħu d-dnubiet tagħna biex ikun jista' jidher quddiem il-Missier għalina meta nidinbu u nitolbu maħfra. Iġifieri Ġesu bata għalina biex aħna jkollna l-ħajja ta' dejjem – ta ħajtu kollha, ta demmu.
B'hekk nibdew nifhmu li demm Ġesu jirrapreżenta tbatija u sagrifiċċju (għax miet għalina - ħa d-dnubiet tagħna), ta kollox għalina biex jinħafrulna dnubietna, u jkollna l-ħajja ta' dejjem permezz tal-qawmien mill-imwiet ta' Ġesu). Mela kif aħna nistgħu nieħdu demm Ġesu? Billi bħalu nkunu lesti li nbatu, nagħmlu sagrifiċċju u nmewtu lilna nfusna għad-dnub biex niksbu l-ħajja ta' dejjem. Dan nistgħu nagħmluh biss permezz tal-patt il-ġdid b'demm Ġesu, li huwa l-Ispirtu s-Santu li jurina x'inhu dak li jogħġob lil Alla.

Ġesu miet għalina biex jinħafrulna dnubietna u huwa permezz t'hekk li aħna ksibna s-salvazzjoni. Dan ma jfissirx li kulħadd ser isalva għax kif qal Ġesu stess fi Ġwanni 6:47; "Min jemmen fija għandu l-ħajja ta' dejjem". Iġifieri biex wieħed isalva, jeħtieġ li l-ewwel jemmen f'Ġesu b'qalbu kollha u jafda fih. Li temmen

tassew f'Ġesu jfisser li temmen li permezz tiegħU biss wieħed jista' jikseb il-ħajja ta' dejjem, temmen li Hu miet u qam mill-mewt għall-maħfra tad-dnubiet, temmen f'dak kollu li qal u li għamel u mhux tagħżel fejn trid temmen. Li temmen f'Ġesu kompletament, ifisser li timxi fuq il-passi tiegħU. B'hekk biss wieħed jista' jisejjaħ Kristjan tassew għax jimxi 100% fuq il-passi ta' Kristu. Dan hu dak li tgħid l-Iskrittura f'1 Ġwanni 2:6 "Min jgħid li qiegħed fih, jeħtieġ li jimxi hu wkoll bħal ma mexa Hu."

Meta wieħed jagħżel li jimxi wara Ġesu u jisma' minn kliemu, jintebaħ li biex tagħmel dak li qalilna Ġesu fil-Kelma tiegħU, trid bilfors, tiċċaħħad minnek innifsek u tkun lest li tagħmel sagrifiċċju. Dan ifisser "tixrob" demmu. Ma tistax tgħid li inti temmen f'Ġesu jekk ma timxix ma' kliemu, u jekk timxi ma' kliemu **bis-serjeta'** għax temmen li permezz ta' Ġesu biss tista' tikseb salvazzjoni**,** awtomatikament inti tkun qed tesperjenza ċertu sagrifiċċji, tiċċaħħad u tmut għad-dnub.

Dawn huma xi versi mill-Iskrittura li juru li biex timxi wara Ġesu, trid bilfors tixrob demmu, iġifieri tiċċaħħad minnek innfisek u tmur kontra x-xewqat tal-ġisem. Qisek tissallab għad-dinja bħalma għamel Ġesu meta ta demmu għalina. Id-dinja hija penġuta bħala dnub fil-Bibbja (għax fid-dinja hawn ħafna tentazzjonijiet għad-dnub), infatti kemm-il darba nsibu li min jemmen m'għandux jimxi mad-dinja. Fosthom insibu f'Rumani 12:2 "la taqblux ma' did-dinja" u fi Ġwanni 15:18-19 "Jekk id-dinja tobgħodkom, tafu li lili (lil Ġesu) bagħditni qabel bagħditkom. Li kontu tad-dinja, id-dinja kienet tħobb lil tagħha: iżda billi mintomx tad-dinja, iżda għażiltkom mid-dinja, għalhekk tobgħodkom id-dinja."

Dawn huma xi kwotazzjonijiet oħra li jfissru x'iġifieri tixrob demm Ġesu billi tiċaħħad minnek innifsek u tgħix biss għal Alla:

- Galatin 2:19-20; "Għax jien permezz tal-liġi mitt għal-liġi, biex ngħix għal Alla. Jien imsallab ma' Kristu: madankollu jien ngħix: imma mhux jien, imma Kristu jgħix fija: u l-ħajja li issa ngħix fil-ġisem ngħixha bil-fidi ta' l-iben t'Alla, li ħabbni, u ta lilu nnifsu għalija."
- 1 Ġwanni 2:15-17; "La tħobbux id-dinja, lanqas il-ħwejjeġ li huma fid-dinja. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-imħabba tal-Missier mhix fih. Għax kull ma hemm fid-dinja, xewqat ħziena tal-ġisem, xewqat ħziena tal-għajnejn, u l-kburija tal-ħajja, mhux ġej mill-Missier, imma mid-dinja."
- Luqa 14:26-27; "Jekk wieħed jiġi għandi, u ma jobgħodx lil missieru, u lil ommu, u lil martu, u lil uliedu, u lil ħutu, rġiel u nisa, iva, u ħajtu wkoll, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi. U kull min ma jarfax salibu, u jiġi warajja, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi."
- Mattew 10:38 "U min ma jieħux salibu, u jiġi warajja, ma jistħoqqlux ikun tiegħi."
- Luqa 9:23-24; "U qalilhom ukoll: Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, ħa jiċħad lilu nnifsu, u jarfa' salibu kuljum, u jiġi warajja. Għax kull min irid isalva ħajtu, jitlifha: iżda kull min jitlef ħajtu minħabba fija, dan isalvaha."
- Galatin 5:24; "U dawk li huwa ta' Kristu sallbu 'l ġisem bil-ġibdiet u xewqat ħżiena tiegħu"
- 1 Pietru 2:24; "Hu stess rafa' dnubietna f'ġismu fuq il-għuda, biex aħna, mejtin għal dnubietna, ngħixu għall-ħaqq"
- 2 Korintin 5:15; "U li miet għal kulħadd, biex dawk li jgħixu ma jgħixux aktar għalihom infushom, imma għal dak li miet għalihom u raġa' qam."
- Rumani 6:10-11; "Għax li miet, miet darba għad-dnub: imma li ħaj, ħaj għal Alla. Hekk intom qisu wkoll ruħkom mejtin għad-dnub, imma ħajjin għal Alla f'Ġesu Kristu Sidna."
- Rumani 8:12-13; "Għalhekk, ħuti, m'aħniex marbutin lejn il-ġisem, biex ngħixu skond il-ġisem. Għax jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu: imma jekk bl-Ispirtu tmewtu egħmil il-ġisem tgħixu."
- Kolossin 3:5; "Mewtu mela l-membri tagħkom li huma fuq l-art: iż-żena, il-faħx, il-ġibdiet tal-ġisem, ix-xehwa, u r-regħba, li hi idolatrija"
- Ġwanni 12:25; "Min iħobb 'il ħajtu jitlifha; u min jobgħod 'il ħajtu f' did-dinja jżommha għall-ħajja ta' dejjem."

B'hekk rajna xi ftit eżempji mill-Kelma ta' Alla li juru li jekk verament temmen fil-Kelma ta' Alla, trid tkun lest tixrob mill-istess demm li Ġesu xerred għalina, iġifieri tmut għad-dinja u għax-xewqat tiegħek. Għalhekk biex wieħed jikseb il-ħajja ta' dejjem, irid jiekol ġisem Ġesu (billi jieħu kliemu) u jixrob demmu (billi jimxi mal-Kelma u jkun lest jiċċaħħad u jbati biex jimxi magħha biss).

Issa nagħtu ħarsa xi tfisser li tieħu sehem mill-Ikla tal-Mulej kif waqqafha Ġesu fl-aħħar ċena.

***<u>L-Aħħar Ċena</u>***

Tajjeb li qabel nеżaminaw x'qal Ġesu fl-aħħar ċena, nagħtu ħarsa lejn kif kienet issir l-ikla lill-Mulej fit-testment il-qadim. L-Ikla tal-Mulej kienet teżisti sa minn żmien it-testment il-qadim. Din ma bdietx minn meta Ġesu waqqaf l-aħħar ċena iżda minn ħafna żmien qabel. L-ikla tal-Mulej bdiet bħala tifkira lil Alla wara li kien ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar ta' l-Eġittu.

Alla bagħat lil Mose u Aaron biex iwissu lill-Fargħuni jħalli l-poplu t'Alla jitlaq mill-Eġittu, iżda minkejja l-ħafna twissijiet u anke wara ħafna kastigi fuq il-pajjiż kollu, il-Fargħun baqa' jwebbes rasu. Għalhekk Alla ppermetta li jiġi fuqhom il-qerriedi u qatlilhom l-ewwel wild, kemm jekk hu bniedem jew inkella annimal. Imma biex jipproteġi lil poplu Lhudi Alla qalilhom biex joqtlu ħaruf u bid-demm tiegħu jċappsu l-koxxa tal-bieb ta' darhom biex meta jgħaddi l-qerried huma jiġu protetti.

Biex dan il-jum jibqa' mfakkar, Alla ried li jibdew jagħmlu "għid lill-Mulej" u fih jieklu ħobż bla ħmira (Esodu 12:14-15).

Huwa propju din l-ikla li Ġesu ukoll kien jiekol mad-dixxipli tiegħU (ara Luqa 22:7; Mattew 26:17-19; Mark 14;12-16). Kien propju waqt din l-aħħar ikla mad-dixxipli tiegħu, li l-Mulej Ġesu waqqaf it-tqarbin. Dan għaliex l-ikla ta' l-għid issa kienet ser issib il-qofol tagħha f'Ġesu li hu l-Ħaruf t'Alla (Ġwanni 1:29), li ġie biex jeħles lill-poplu mid-dnub u b'hekk jikkonsagrana biex nemmnu fiH u nagħtu ħajjitna għaliH. U bħalma fl-għid kienu *jfakkru* l-ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu, hekk issa aħna *nfakkru* (kif ordnalna Ġesu stess) l-ħelsien mid-dnub li jġib il-mewt.

Mela issa naraw dan il-paragun:

| <u>**TESTMENT IL-QADIM**</u> | <u>**TESTMENT IL-ĠDID**</u> |
|---|---|
| Bid-**demm tal-Ħaruf** il-poplu t'Alla ħeles mill-qerried | Bid-**demm ta' Ġesu** li huwa l-Ħaruf t'Alla, il-poplu t'Alla ħelisna mid-dnub u mix-xitan |
| Bħala **tifkira** jagħmlu ikla | Bħala **tifkira** nagħmlu ikla |
| Fiha jieklu **ħobż bla ħmira** | Fiha nieklu **ħobż bla ħmira** |
| Ma jerġgħux jieklu l-ħaruf jew jieħdu demmu għax din kienet **ta' darba** | Ma nerġgħux inġibu ġisem u demm Ġesu biex niekluh għax dan kien sagrifiċċju **ta' darba** |

Dan hu dak li qalilna biex nagħmlu Ġesu fl-aħħar ċena, infakkru l-jum li fih hu bħala Ħaruf, ta demmu għalina biex jeħlisna mid-dnub.



Fl-aħħar ċena f'1 Korintin 11:24, Ġesu qal: "agħmlu dan b'TIFKIRA tiegħi." Ma qalilnix biex inġibu ġismu u demmu imma biex dan nagħmluh **b'tifkira**. Dan juri bi ċar li meta nagħmlu t-tqarbin, Ġesu jridna biss infakkru (kif qalilna Hu "TIFKIRA") l-mewt, l-qawmien u t-tieni miġja tiegħU . Meta tfakkar xi ħaġa tkun qed tiftakar f'xi ħaġa u mhux iġġibha preżenti.

Tajjeb nikkwota wkoll il-vers ta' Pawlu f'1 Korintin 11:26 "Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, *tħabbru* mewt il-Mulej sakemm jiġi"

Punt 1: Tħabbru u mhux tagħmlu qal.
Punt 2: "sakemm jiġi". Dan juri li Ġesu fl-ewkaristija ma jiġix b'mod litterali jiġifieri bil-ġisem. Għax din il-frażi tfisser li għadu ma ġiex bil-ġisem li bih ġie f'din id-dinja, u li bih ġej biss meta jerġa' jiġi għat-tieni darba (Lhud 9:28). Mela Ġesu ma jistax jiġi litteralment fil-ħobż għax hu ġej litteralment bil-ġisem f'din id-dinja darbtejn biss u mhux kull darba li niċċelebraw t-tqarbin. L-ewwel darba hija meta miet għalina u t-tieni, meta jiġi fl-aħħar jum bil-ġisem glorjuż li ngħata lil Ġesu wara li qam mill-mewt. Apparti minnhekk, fi Ġwanni 12:16 insibu; "Dawn il-ħwejjeġ ma fehmuhomx għall-ewwel id-dixxipli tiegħu: iżda meta Ġesu kien **igglorifikat**, ftakru mbagħad li dawn il-ħwejjeġ kienu miktubin għalih...", tinduna li aħna qatt ma nistgħu nerġgħu nieħdu l-istess ġisem li Ġesu tkellem fuqu fl-aħħar ċena. Dan għaliex il-ġisem ta' Ġesu issa huwa wieħed igglorifikat u mhux tad-demm u l-laħam bħalma kien meta ssallab għalina. Għalhekk żgur li Ġesu meta tkellem fl-aħħar ċena ma kienx qed ifisser li aħna għandna nibqgħu nieklu u nixorbu d-demm li ser ixxerred għalina!

Ġesu issa huwa preżenti b'mod reali tul ħajjitna kollha. La darba nistqarru u nistiednu lil Ġesu jidħol f'ħajjitna, Hu ma jitlaqna qatt. Iġifieri m'hemmx il-bżonn tat-tqarbin biex Ġesu jiġi jgħammar fik, għax Ġesu la darba taċċettah, jibqa' fik **il-ħin kollu**. Dan ma jfissirx li ma għandniex nitqarbnu, anzi meta wieħed iħoss li għandu jitqarben ikun qed jobdi u jimxi mar-rieda ta' Ġesu għax Ġesu qalilna "**agħmlu dan** b'tifkira tiegħi".

Kieku Ġesu fit-tqarbin jerġa' jagħti ġismu u demmu lilna - jinqasam għalina, jiġi offrut lilna mill-ġdid, allura dan ikun qed ifisser li Ġesu qed jerġa' imut għalina. Iżda dan mhux dak li tgħid il-Bibbja. F'Lhud 10:10 "Bis-saħħa ta' dir-rieda aħna tqaddisna bl-offerta tal-ġisem ta' Ġesu Kristu DARBA GĦAL DEJJEM." (Dejjem żomm f'moħħok li l-ġisem tad-demm u l-laħam ta' Ġesu, issa spiċċa. Ġesu issa għandu ġisem glorjuż u ġisem glorjuż ma jmut qatt).
Għalhekk Ġesu tana ġismu u demmu DARBA u dan għamlu meta kien fuq is-salib. Li tgħid li Ġesu qed jiġi fl-ostja litteralment u personalment ifisser li inti mhux temmen kliem Ġesu meta fuq is-salib qal "kollox mitmum". Dak li kellu jagħmel għall-kisba tal-ħajja ta' dejjem, għamlu (iġifieri wieħed jikseb il-ħajja ta' dejjem permezz tal-qawmien ta' Ġesu u t-twemmin fih u mhux permezz tat-tqarbin). Aħna issa nistgħu biss infakkruh. Infakkruh tfisser li nagħmlu dak li qalilna Ġesu, u meta tfakkar xi ħaġa mhux iġġibha preżenti tkun qiegħed. Eżempju biex tfakkar il-ġurnata ta' għeluq sninek, ma jfissirx li terġa' titwieled; biex tfakkar il-ġurnata li fiha żżewwiġt ma jfissirx li terġa' tiżżewweġ imma li tiftakar f'dik il-ħaġa.

Ġesu ma jistax jerġa' jagħtina ġismu litteralment. Għaliex? F'1 Pietru 3:18 insibu; "Kristu…. Maqtul fil-ġisem, imma mqajjem għall-ħajja fl-ISPIRTU." Ħallelujah! Dan juri li aħna issa qed nieħdu lil Ġesu spiritwalment, ġismu tahulna **darba** fuq is-salib.

Jekk nemmnu li Ġesu jiġi preżenti bid-demm u l-laħam fit-tqarbin, kieku x'jiġri meta nieklu ġismu u nixorbu demmu tassew u jgħaddi l-ħin u bħal kull ħaġa oħra li nieklu u nixorbu, tintrema barra mill-ġisem? Il-ħobż u l-inbid jekk isiru ġisem u demm Ġesu, jgħaddu minn dan l-istat naturali ukoll? U jekk le (iġifieri il-ħobż li nkunu kilna jibqa' ġo fina), dan ifisser li l-ġisem u d-demm ta' Ġesu jibqgħu fik, allura għaliex hemm il-bżonn li terġa' titqarben jekk Ġesu jkun ġo fik?

***Għaliex mhix ħaġa bibblika li temmen li Ġesu jiġi preżenti fil-ħobż u l-inbid bil-ġisem u d-demm tiegħU?***

Il-Bibbja tmur kontra dawk li jaħsbu li fl-Ikla tal-Mulej Ġesu jiġi preżenti b'ġismu u demmu tassew. Għaliex?

Meta nqisu l-ħobż u l-inbid fit-tqarbin bħala alla tagħna nkunu qed nagħmlu xi ħaġa materjali alla tagħna. Infatti ħafna jaduraw, ibusu, jinżlu għarkobbtejhom quddiem il-ħobż u l-inbid fl-ewkaristija.

Il-Bibbja tgħidilna ċar u tond li Alla ma jgħammarx f'tempji u f'affarijiet magħmula mill-bnedmin. Dan jidher f'dawn iż-żewġ skritturi: Atti 7:48-50 "Iżda Alla l-Għoli ma jgħammarx f'tempji magħmulin bl-idejn: bħal ma jgħid il-profeta: Is-sema hu t-tron tiegħi, u l-art mirfes riġlejja: liema dar tibnuli? Għid il-Mulej: jew liema hu l-lok tal-mistrieħ tiegħi? Mhux idi li għamlet dawn il-ħwejjeġ kollha? Ukoll f'Atti 17:24 "Alla li għamel id-dinja u l-ħwejjeġ kollha li fiha, billi ra li hu Sid is-sema u l-art, ma jgħammarx f'tempji magħmulin bl-idejn:"

Ġesu jgħammar kullimkien spiritwalment u qiegħed ġo fina l-ħin kollu għax aħna t-tempju ħaj li fih jista' jgħammar Ġesu għax aħna mhux magħmulin mill-bniedem imma minn Alla stess. Infatti San Pawl qal, "ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li qiegħed fikom, li għandkom mingħand Alla, u li intom m'intomx tagħkom infuskom?" Il-mistoqsija hija din: Allura jekk il-ħobż għamlu l-bniedem, hija ħaġa bibblika li tgħid li Ġesu jiġi ġo fih meta fil-Bibbja stess rajna li Alla ma jgħammarx f'tempji, tabernakli jew postijiet oħra magħmula bl-idejn? Jekk temmen il-Bibbja, r-risposta hija le.

***Fatturi oħra li juru li l-ħobż u l-kalċi ma jistgħux isiru l-ġisem u d-demm ta' Kristu***

- Tajjeb naraw li fl-aħħar ċena Ġesu ma qabbilx demmu ma' l-inbid iżda mal-Kalċi. Jekk kien qed jitkellem litteralment, jista' wieħed jixrob il-kalċi (bħala tazza)?
- Fl-aħħar ċena, il-kalċi ma nbidilx fid-demm ta' Ġesu u dan nafuh fi żgur. Jekk nieħdu bħala eżempju Mattew 26:29 wara li Ġesu bierek il-ħobż u l-kalċi (li hawnhekk ħafna jemmnu li wara l-barka jsiru l-ġisem u d-demm ta' Ġesu), dawn ma sarux ġismu u demmu, infatti <u>wara l-barka</u>, Ġesu jirreferi għall-kalċi bħala "frott tad-dielja" u mhux bħala demmu. Pawlu jkompli jsaħħaħ dan f'1 Korintin 11 fejn wara li jgħid li Ġesu qasam il-ħobż u qabad il-kalċi u radd il-ħajr, jerġa' jirreferi għal ħobż bħala ħobż u l-kalċi bħala kalċi (vers 26) (*Tajjeb ninnotaw ukoll li dan kienu jagħmluh bħala* ***tifkira***). Iġifieri dawn ma

kinux jinbidlu wara l-barka. Il-kelma barka ma tfissirx li inti tista' tibdel xi ħaġa f'xi ħaġa oħra għax tberikha. Meta tbierek ifisser li tirringrazzja lil Alla (dan għandna nagħmluh kull meta nieklu u meta Alla jipprovdhielna). Dan jidher ċar meta Ġesu bierek il-ħobż, infatti ara x'qal Ġesu fl-aħħar ċena f'Luqa 22:17-19 "U qabad il-kalċi u *radd il-ħajr* ….. U qabad il-ħobż u *żżaħajr*…" Veru f'Mattew 26:26 hemm miktub li Ġesu *bierek* il-ħobż, iżda biex inkomplu nikkonfermaw li hemmhekk ukoll, il-kelma "barka" tfisser li tirringrazzja 'l Alla, wara li ħa l-kalċi Ġesu, ma qalx "bierek" imma "iżżaħajr".

- Li l-ħobż u l-kalċi jitbiddlu f'ġismu u demmu fl-aħħar ċena żgur ma setax ikun għax Ġesu kien għadu ma mietx u kien għadu ma qamx mill-mewt, u t-tqarbin huwa tifkira tal-mewt u tal-qawmien ta' Ġesu. Iżda xorta minkejja li kien preżenti hemm magħhom bil-ġisem, qalilhom "Ħudu" "dan hu ġismi" ma qalilhomx "dan ser ikun ġismi" jew "dan ser ikun demmi". Iġifieri jekk teħodha b'mod litterali, dan ikun ifisser li anke fl-aħħar ċena il-ħobż u l-kalċi saru ġisem u demm Ġesu, imma dan ma jistax ikun.
- Ġesu f'Luqa 22:20, Mark 14:24 u Mattew 26:28 juża' l-kelma "mxerred", kelma li tintuża' kemm biex tfisser xi ħaġa fil-**preżent** u anke għall-futur. Imma Ġesu fl-aħħar ċena kien għadu ma xerridx demmu għalina. Kieku Ġesu ried ifisser li l-kalċi isir demmu kien jgħid "ser jixxerred" għax fil-verita' demmu kien għadu ma ġiex "mxerred".
- L-istess għal ġismu jirreferi bħala "mogħti" u mhux li "ser jingħata" iżda fil-verita' ġismu kien għadu ma ġiex "mogħti". Żgur li Ġesu mhux ser jikkontradixxi lilu nnifsu!
- Id-dixxipli wara li miet Ġesu kienu jiltaqgħu biex jaqsmu l-**ħobż**. Qatt m'hemm fil-Bibbja li huma kienu jiltaqgħu biex jieklu u jixorbu **ġisem** il-Mulej.
- Mattew 13:38 Ġesu jgħid li l-għalqa **hija** d-dinja. Veru l-għalqa hija d-dinja?
  U Luqa 8:11 jgħid li ż-żerriegħa **hi** l-kelma ta' Alla. Vera hija l-kelma ta' Alla?
  Dan juri li Ġesu kien juża t-tixbihat biex iwassal messaġġ. Hawnhekk qalilhom li ż-żerriegħa "HI" u l-għalqa "HIJA". L-istess fl-aħħar ċena, Ġesu jgħidlhom il-ħobż "HU" ġismi u l-inbid "HU" demmi. Dan ma jfissirx li l-ħobż isir ġismu u l-kalċi isir demmu. Infatti ma qalilhomx **isiru** ġismi u **jsiru** demmi.
- Meta dehrilhom wara li qam mill-mewt Ġesu, f'Luqa 24:30, jerġa' jaqsam il-ħobż biex jieklu flimkien. Kieku Ġesu qalilna biex niċċelebraw l-ewkaristija biex fiha Hu jiġi preżenti fina u magħna, kieku kien hemm bżonn li jiċċelebrawha dak inhar li dehrilhom, jekk Hu kien preżenti hemm magħhom? Tajjeb ninnotaw li Ġesu hawnhekk ma kielx mill-ħobż għax hu stess kien qalilhom fl-aħħar ċena li "Minn issa 'l quddiem ma nixrobx minn dal-frott tad-dielja, sa dak in-nhar meta nixorbu ġdid magħkom fis-saltna ta' Missieri."(Mattew 26:29) Ġesu meta waqqaf it-tqarbin ried li aħna **nfakkru** l-avveniment tiegħU flimkien u **mhux inġibu preżenti** l-ġisem u d-demm tiegħU. Riedna li meta niċċelebraw l-ewkaristija, niftakru/inħabbru il-mewt, il-**qawmien** u t-tieni miġja tiegħU. Dan jidher ċar f'1 Korintin 11:26 "Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, *tħabbru* mewt il-Mulej **sakemm jiġi"**. Sakemm jiġi turi li Hu għadu ma ġiex bil-ġisem glorjuż. Allura bħalma diġa' rajna;
  A) Ġesu waqt it-tqarbin ma jiġix preżenti bil-ġisem tad-demm u l-laħam li bih kien ġie fid-dinja,
  B) daqs tant ieħor mhux qed jiġi preżenti bil-ġisem glorjuż! Allura, issa Ġesu qieghed preżenti magħna spiritwalment. Wara t-tieni miġja tiegħu, imbagħad nixorbu flimkien miegħU fis-saltna ta' Alla.

  Din nistgħu nqabbluha, biex nifhmuha aħjar, ma' xi ħadd li jkun ser isiefer. Min ikun ser isiefer iħallilek ritratt biex meta tħares lejh tiftakar fih. Ma jfissirx li ma jkollokx kommunikazzjoni miegħu għax dan tista' tagħmlu permezz ta' ittri, telefon, internet etċ. U ma jfissirx li hemm bżonn ir-ritratt biex tiftakar fih. Imma meta tħares lejn ir-ritratt tiftakar li dak tahulek hu. Imbagħad meta dak li jkun siefer, jerġa' jirritorna, għalkemm ir-ritratt jibqa', l-esperjenza mal-persuna tkun differenti għax tkun qiegħda miegħek mhux biss f'moħħok imma personalment. L-istess it-tqarbin.
  Il-paragun fil-kuntest għat-tqarbin: **Ġesu** siefer (mar fuq il-lemin tal-Missier) ħallilek l-**ewkaristija** biex meta tippratikaha tiftakar fih. Ma jfissirx li ma jkollokx kommunikazzjoni miegħU għax dan tista' tagħmlu permezz ta' l-**Ispirtu s-Santu**. U ma jfissirx li hemm bżonn it-tqarbin biex tiftakar fih. Imma meta tippratikah tiftakar li dak ir-rigal tahulek Hu. Imbagħad meta **Ġesu** jerġa' jirritorna, għalkemm l-ikla tibqa', l-esperjenza ma' **Ġesu** tkun differenti għax Hu jkun qiegħed miegħek mhux biss fl-**Ispirtu** imma personalment.
- Min jemmen li Ġesu jista' jidħol fil-ħobż u fil-kalċi ikun qed imur kontra t-tieni kmandament "**La tagħmilx għalik l-EBDA immaġini skolpita**, jew xi immaġini ta' xi ħaġa FIS-SEMA 'l fuq, jew fl-art minn taħt, jew fl-ilma ta' taħt l-art: **LA TMILX quddiemhom…"**
  1. Iġifieri dan il-kmandament jgħid li jekk tinżel għarkobbtejk jew tbaxxi rasek quddiem xi xbieha inti tkun qed tikser il-kmandament t'Alla.
  2. Tagħmel l-ebda immaġini/xbieha. Xbieha tfisser meta inti tagħmel xi ħaġa li tirraprezenta xi ħaġa. Jekk il-ħobż isir ġisem Ġesu, allura dak il-ħobż qed jirrapreżenta lil Ġesu. Allura tkun qed tagħmel xbieha ta' xi ħaga fis-sema. Dan ifisser li tkun qed tikser dan il-kmandament.

3. Jekk temmen li l-ħobż isir il-ġisem ta' Ġesu tkun qed tagħmel il-ħobż bħala idolu tiegħek. Għaliex? Idolu tfisser li tgħożż u tqim lil xi ħadd daqs li kieku kienet alla.

Dan ifisser li jekk wieħed jemmen li l-ħobż isir il-ġisem ta' Kristu, allura jkun qed iqis il-ħobż :
a) bħala **xbieha -** għax tirrapreżenta lil xi ħadd (Ġesu), u
b) bħala **idolu** - għax din ix-xbieha qed tiġi meqjuma u mgħożża daqs li kieku kienet alla (Ġesu Hu Alla). U x'tgħid il-Bibbja fuq dan?

F'Dewteronomju 4:23 insibu: "ħarsu lilkom infuskom li ma tinsewx il-għaqda tal-Mulej, Alla tagħkom, li għamel magħkom, u tagħmlu għalikom xi immaġini (xbieha) skolpita, JEW XI SURA TA' XI ĦAĠA, li l-<u>Mulej Alla tiegħek ordnalek biex ma tagħmilx</u>."
F' Esodu 20:4-5 "la tagħmel ebda xbieha minquxa għalik jew **<u>xbieha ta' xi ħaġa li hemm fis-sema</u>** minn fuq... **<u>la tmilx quddiemhom u la tqimhomx".</u>**

Forsi tgħid: Imma l-ħobż mhix xbieha ta' Ġesu għax Ġesu jiġi fil-ħobż. Dan ma jistax ikun. Bħalma rajna Alla ma jgħammarx fl-affarijiet maħduma minn idejn il-bnedmin. Huwa Alla li jagħmel lilna u mhux aħna nagħmlu lilU fil-ħobż! Atti 17:24-25 jgħid hekk: "Alla… ma jgħammarx f'tempji magħmulin bl-idejn; **Lanqas hu <u>moqdi</u> minn idejn il-bnedmin…"**

Allura jekk Ġesu fit-tqarbin ma jiġix preżenti litteralment, x'inhi r-rabta l-ġdida li ssemmiet F'1 Korintin 11:25 meta Ġesu qal: "Dal-Kalċi hu r-rabta l-ġdida"?

***X'inhi r-rabta l-ġdida skond kif murija fil-Kelma ta' Alla?***

Li Ġesu jiġi litteralment fil-ħobż u l-inbid? Le.



F'1 Korintin 11:25 Ġesu semma; "rabta ġdida". Il-kelma "ġdida" tindika li din ir-rabta kienet ser tkun rabta differenti minn dik li kienu qed jesperjenzaw diġa'; **differenti mir-rabta ma' Ġesu bil-ġisem u d-demm litteralment.** Ġesu wara li jqum mill-mewt kien sejjer fin-naħa tal-lemin ta' Alla iżda minfloku kien ser jibgħatilna l-Ispirtu s-Santu biex permezz tiegħU nibnu rabta ma' Ġesu u nħossu l-preżenza tiegħU f'ħajjitna.

Fi Ġwanni 14:16-17 insibu: "U jien nitlob 'l Missier, u hu jagħtikom Avukat ieħor, biex jibqa' magħkom għal dejjem; li hu l-Ispirtu tas-sewwa"

Wieħed jistaqsi: Allura l-Ispirtu s-Santu ma kienx minn dejjem? Jekk temmen fi Trinita' allura ma tistax ma temminx li l-Ispirtu s-Santu ma kienx hemm minn dejjem.

Id-differenza hija li l-Ispirtu s-Santu qabel Pentecoste kien FUQ il-bnedmin (ħlief għal xi nies li kienu magħżulin li jkollhom l-Ispirtu s-Santu fihom għax kien mogħti lilhom minn Alla) u mhux ġo fihom bħalma hu issa. L-Ispirtu s-Santu ma kienx ġo kulħadd imma kien preżenti minn dejjem FUQ il-bnedmin. *(Ara Numri 11:17, Numri 11:25, Numri 11:29, Imħallfin 3:10, Imħallfin 14:6, 19, Imħallfin 15:14, 1 Samwel 10:10, 1 Samwel 11:6, 1 Samwel 19:23, Isaija 11:2, Isaija 59:21.)*

Eżekjel jipprofetizza li ser ikollna Spirtu ġdid, Spirtu li jgħammar FINA u mhux fuqna, u dan seħħ wara li Ġesu qam mill-mewt. Ara Eżekjel 36:26-27.

Anke fit-testment il-ġdid, qabel ma' qam Ġesu mill-mewt, naraw li l-Ispirtu s-Santu kien jiġi **fuq** il-bnedmin. Eżempju ċar huwa meta l-anġlu ħabbar lil Marija, l-anġlu qalilha "L-Ispirtu s-Santu jiġi FUQEK" (Luqa 1:35).



F'Pentecoste naraw li mbagħad *kollha* mtlew bl-Ispirtu s-Santu għax il-wegħda ta' Ġesu kienet seħħet. (Atti 2:4, 16-18)

Ġesu stess jikkonferma li r-rabta li għamel Hu magħna mhix permezz tat-tqarbin iżda permezz ta' l-Ispirtu s-Santu (li wieħed jirċievi wara li jemmen fil-Kelma ta' Ġesu biex permezz t'hekk, wieħed ikollu l-ħajja ta' dejjem). Dan għaliex meta Ġesu deher lil appostli (kien għadu ma bagħatx l-Ispirtu s-Santu fuq id-dixxipli) qalilhom li l-wegħda (jew patt) kienet għadha ma saritx (ara Luqa 24:49). Infatti qalilhom li kienu għadhom ma tlibbsux bil-qawwa mill-għoli. Ġesu deher lill-appostli għal 40 jum (Atti 1:3) u wara

10 t'ijiem li ma baqax jidher (iġifieri 50 jum wara li qam mill-mewt) bagħat l-Ispirtu s-Santu. Dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu ġie wara li Ġesu tela's-sema bil-ġisem, iġifieri ġie minflok Ġesu.

Fl-istess Kapitlu ta' Luqa, qabel ma Ġesu jgħid li l-patt il-ġdid għadu ma seħħx, f'vers 30 naraw li d-dixxipli kienu qed jieħdu sehem fl-ikla tal-Mulej. Allura b'dan nifhmu li l-patt il-ġdid ma kienx it-tqarbin għax kieku, la kienu qed jagħmluh diġa', ma kienx jgħidilhom li l-patt għadu ma seħħx. Mela l-patt kien xi ħaġa li huma kienu għadhom ma esperjenzawhiex. Huma kienu għadhom ma rċivewx l-Ispirtu s-Santu.

Ir-rabta tagħna ma' Ġesu issa tista' sseħħ biss permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li qiegħed fina. Fi Ġwanni 14:25-26, Ġesu jgħid "Dawn il-ħwejjeg għidtilkom, billi għadni magħkom *(fil-gisem. Hawnhekk Ġesu jagħtina x'nifhmu li Hu ma kienx ser jibqa' magħna bil-ġisem tad-demm u l-laħam. Allura kif jista' jkun li ġisem Ġesu jiġi fil-ħobż?).* Imma l-Avukat, li Hu l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, hu jgħallimkom kollox, u jfakkarkom kulma għidtilkom".

Huwa permezz ta' L-Ispirtu s-Santu li Ġesu jiġi fina. Ġwanni 13:20 jgħid "Tassew, tassew, ngħidilkom; Min jilqa' lil min nibgħat jien (l-Ispirtu s-Santu), jilqa' lili; u min jilqa' lili jilqa' lil min bagħatni."

U kif nilqgħuh lill-Ispirtu s-Santu biex inkunu ukoll nistgħu nilqgħu lil Ġesu? kif rajna fi Ġwanni 14:25-26 l-Ispirtu s-Santu *jgħallimna* u *jfakkarna* kulma qalilna Ġesu mbagħad jekk nilqgħu dak li jgħidilna l-Ispirtu s-Santu, nibdew nimxu mal-Kelma ta' Ġesu, nitgħallmu minnha u nibnu ħajjitna fuq kliemu, biex f'dak li nagħmlu, Ġesu jkun f'moħħna u f'qalbna. Iġifieri permezz ta' l-Ispirtu s-Santu aħna nistgħu nibnu relazzjoni m'Alla.

U biex aħna nifhmu sew li din kienet ir-rabta li Ġesu għamel magħna, San Pawl f'Lhud 10:15-17 jgħid; "U ta' dan hemm xhieda wkoll l-Ispirtu s-Santu: għax wara dan kien qal qabel: Din hi r-rabta li nagħmel magħhom wara dawk il-jiem, igħid il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u f'moħħhom niktibhomlom; U fi dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarx aktar." (Ara ukoll Ġeremija 31:31-34)

Allura wieħed jistaqsi: Kien hemm bżonn li Ġesu jmut biex jibgħatilna l-Ispirtu s-Santu?

Li Ġesu jibgħatilna l-Ispirtu s-Santu kien Patt. Patt huwa testment. Issa biex patt/testment iseħħ, l-ewwel jeħtieġ li dik l-persuna li tagħmel it-testment tmut, inkella sakemm hi għadha ħajja, it-testment jibqa' magħluq. Dan ukoll qiegħed imsemmi fil-Bibbja; "Għax testment jgħodd wara li l-bnedmin imutu: inkella m'għandux saħħa kemm idum ħaj min għamel it-testment." (Lhud 9:17)

Il-patt il-qadim, dak tal-kmandamenti ukoll kien jeħtieġ li xi ħadd imut biex iseħħ. Pawlu f'Lhud 9:18 jgħid "lanqas l-ewwel rabta ma kienet imġedda mingħajr id-demm." Dan narawh f'Eżodu 24:8 meta Mose ssaggrifika l-għoġiela u ħa d-demm tagħhom – "U Mose ħa d-demm, u raxxu fuq in-nies, u qal: Araw id-demm ta' l-għaqda li rabat il-Mulej magħkom fuq dal-kliem kollu."

Għalhekk il-patt il-ġdid kien jeħtieġ li xi ħadd imut biex iseħħ. Ġesu xerred demmu biex jingħata bħala sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet **kompluta** u bħala sagrifiċċju perfett. Bagħtilna l-Ispirtu s-Santu biex permezz tiegħU nsiru nafu lil Ġesu u meta nidinbu, nitolbuh maħfra minn qalbna, u Ġesu li huwa Ħaj u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier jintervjeni għalina biex permezz tal-mewt tiegħU u r-rebħa fuq il-mewt, Alla jaħfrilna.

Minn dan nifhmu li r-rabta l-ġdida li semma Ġesu hija rabta spiritwali, iġifieri permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. San Pawl f'1 Korintin 10:3-4 jirreferi għal Ġesu bħala ikel u xorb spiritwali; "U kielu (missirijietna) kollha l-istess ikel spiritwali; u xorbu kollha l-istess xorb spiritwali: għax kienu jixorbu minn dik il-Blata spiritwali li kienet timxi warajhom: u dik il-Blata kienet Kristu."

Ġesu qiegħed preżenti fil-ħajja tagħna spiritwalment.

***Għaliex huwa importanti li nieħdu sehem fit-tqarbin?***

Xi ħaġa li għandna nkunu nafu huwa li t-tqarbin huwa kmandament/ordinanza ta' Kristu (jiġifieri huwa kmand/ordni mingħand Ġesu biex nagħmlu dan, bħalma hija ordinanza ukoll il-magħmudija). Ġesu qalilna, "jekk tħobbuni, żżommu 'l-kmandamenti tiegħi" (Ġwanni 14:15). Meta nipprattikaw it-tqarbin inkunu qed nuru

li aħna ubbidjenti għall-kliem li qalilna Ġesu - "<u>Agħmlu dan</u>, **b'tifkira tiegħi**", u b'hekk inkunu qed nuru li aħna nemmnu fi kliemu, inkunu qed nuru għaqda ma' kliemu u fuq kollox, li nħobbuh.

Inkunu qed infaħħruh u nirringrazzjawh ta' dak li għamel għalina permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħU. Infatti fl-aħħar ċena Ġesu qasam u "radd il-ħajr" u aħna għandna nagħmlu dan sakemm jerġa' jiġi. Iġifieri meta tipparteċipa fit-tqarbin, tkun qed tfakkar il-**mewt** u l-**qawmien** ta' Ġesu mill-mewt, u tkun qed temmen li Hu **ser jerġa' jiġi**.

Inkunu qed nifirħu u niċċelebraw għax minnha nfisha l-ikla turi ċelebrazzjoni. L-ikla ukoll turi għaqda. Ħafna nies fi żmien ta' festi kienu u għadhom jippreferu li jorganizzaw ikla biex il-familja tkun maqgħuda, dan għaliex ikla hija simbolu ta' għaqda u fil-każ ta' tqarbin nkunu qed nuru għaqda flimkien ma' Ġesu. F'Mattew 18:20 insibu: "Għax fejn tnejn jew tlieta huma miġburin flimkien f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom." Ġesu jkun preżenti spiritwalment meta nieħdu sehem fit-tqarbin (Ġesu huwa preżenti l-ħin kollu fina spiritwalment, iżda meta nagħmlu t-tqarbin, inkunu qed nobdu l-kmandament tiegħU u nagħtu glorja u qima lil Mulej biex jitgħaxxaq bina) u Hu jkun qed jara l-għaqda ta' bejnietna.

Permezz tat-tqarbin inkunu qed nissieħbu ma' dak li għamel għalina Ġesu. (1 Korintin 10:16-17) "Il-kies tal-barka li aħna nbierku, mhux il-għaqda fid-demm ta' Kristu? U l-ħobż li niksru, mhux il-għaqda fil-ġisem ta' Kristu? Għax għalkemm aħna ħafna, **aħna ħobż wieħed, u ġisem wieħed**: għax aħna lkoll għandna sehem minn dak il-ħobż wieħed". Innota li hawnhekk Pawlu ma jgħidx li jsiru l-ġisem u d-demm ta' Ġesu iżda li nidħlu f'għaqda miegħU. Dan nagħmluh għax inkunu qed nagħtu xhieda (meta tixhed tkun qed tissieħeb ma' xi ħadd) li aħna nemmnu li Ġesu veru qam mill-mewt u ħareġ rebbieħ fuq id-dnub. B'dan inkunu qed nistqarru li hemm xi ħadd aqwa minna u li jista' jsalvana. U fuq dan it-tagħlim li ħadna mingħand Ġesu, għandha tkun mibnija ***<u>l-Knisja li hija l-ġisem ta' Kristu.</u>*** B'hekk aħna inkunu tassew f'għaqda tajba mal-ġisem ta' Kristu. (Tajjeb tinnota ukoll il-kliem b'tipa skura. Hawnhekk San Pawl qal li "aħna ħobż". Dan ikompli jurina li meta nitkellmu u nitgħallmu fuq it-tqarbin, m'għandniex nieħdu l-kliem bħala wieħed litterali imma bħala wieħed metaforiku.)

Kliem Pawlu, ukoll ikompli jikkonfermalna li meta hu kien qed jgħid dan il-kliem, ma kienx qed jirreferi għall-Ġisem ta' Ġesu fiżikalment. Għaliex? Fil-Bibbja hemm diversi versi li juru li l-Ġisem ta' Kristu huwa magħmul minn dawk in-nies kollha li aċċettaw lil Kristu u jemmnu fih tassew. Dawn huma xi eżempji:

- Rumani 12:5 "Hekk aħna, billi aħna ħafna, **ġisem wieħed fi Kristu**, u kull wieħed membri ta' xulxin."
- 1 Korintin 12:27 "Issa **intom il-ġisem ta' Kristu**, u kull wieħed minnkom hu membru tiegħu."
- Efesin 1:22-23 "U qiegħed kollox taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-**knisja, li hi ġismu**, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox."
- Efesin 5:30 "**aħna membri ta' ġismu**, ta' laħmu, u ta' għadmu."
- Kolossin 1:18 "U hu (Ġesu) r-ras tal-**ġisem, il-knisja"**
- Efesin 4:12 "Għat-trawwim tal-qaddisin, għax-xogħol tal-ministeru, għall-**bini tal-ġisem ta' Kristu**."
- 1 Korintin 12:27 "Issa intom mill-**ġisem ta' Kristu**, u kull wieħed minnkom hu membru tiegħu."

Meta nieħdu sehem fit-tqarbin inkunu (bħala knisja li hija l-ġisem ta' Kristu) awtomatikament qed niftakru fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesu, b'hekk qatt ma ninsew dak li Alla għamel magħna u kemm Alla ħabbna qabel ma biss konna twelidna. Meta niftakru f'dak li għamel Ġesu u nemmnu li kliemu huwa verita' inkunu qed inħallu l-Kelma t'Alla taħdem fina u nkunu qed nibbenifikaw mill-patt il-ġdid, ir-rabta tagħna ma' Alla permezz tal-Kelma u l-Ispirtu s-Santu li jaħdem fina biex nimxu magħha u nagħmlu r-rieda t'Alla għas-salvazzjoni.

***Għaliex Ġesu għażel li nfakkru l-mewt u l-qawmien tiegħu meta niltaqgħu u flimkien nieklu u nixorbu mill-Ikla tiegħU?***

Għaliex il-mewt u l-qawmien tiegħU u mhux it-twelid, jew il-magħmudija tiegħU, jew il-mirakli li kien għamel? Bir-raġun li wieħed jistaqsi hekk. Jiena nemmen li Ġesu riedna niftakru f'dan l-avveniment li hu importanti bħall-oħrajn kollha pero, huwa l-qofol għall-ħajja eterna. Bil-mewt u l-qawmien mill-imwiet Ġesu wera tassew li hu Alla, li Hu sid il-ħajja u li l-Iskrittura hija verita' għax il-profezija kienet seħħet.

***Kif għandna nersqu lejn it-tqarbin?***

Meta tipparteċipa fit-tqarbin, li huwa tifkira tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesu, tkun qed tiddikjara li temmen li Ġesu tak il-maħfra, allura jekk temmen fil-maħfra, trid teżamina lilek innifsek qabel titqarben biex **titlob**

**maħfra** fejn tkun inqast. Ma tistax tgħid li temmen fil-maħfra tad-dnubiet imbagħad ma titlobx maħfra jekk taf li nqast f'xi ħaġa.

Dan qalu ukoll Pawlu f'1 Korintin 11:27-29; "Għalekk kull min jiekol minn dal-ħobż, u jixrob dal-kalċi tal-Mulej, mhux kif jixraq, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Iżda ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, u mbagħad ħa jiekol minn dak il-ħobż, u jixrob min dak il-kalċi. Għax min jiekol u jixrob mhux kif jixraq, jiekol u jixrob il-kundanna għalih innifsu, billi ma jagħrafx ġisem il-Mulej." Jekk ma nitolbux maħfra qabel ma nitqarbnu, ma nkunux qed nagħrfu li l-ġisem ta' Ġesu li kien offrut għalina, ġab is-salvazzjoni u jistgħu għalhekk jinħafrulna dnubietna. Għalhekk itlob maħfra lil Alla fejn tkun inqastu, int min int, jekk temmen b'moħħok u b'qalbek fi Kristu u li Hu jaħfirlek, tista' titqarben. "Jekk nistqarru dnubietna (LILU), Hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" (1 Ġwanni 1:9).

X'ried ifisser Pawlu f'1 Korintin 11: 29 meta qal "Għax min jiekol u jixrob mhux kif jixraq, jiekol u jixrob il-kundanna għalih innifsu, billi ma jagħrafx ġisem il-Mulej."?

F'Efesin 2:20-22 Pawlu jgħid li aħna issa "Mibnijin fuq pedamenti ta' l-appostli u tal-profeti, b'Ġesu Kristu nnifsu bħala l-ħaġra tal-għareb: li fih **il-bini kollu mgħaqqad tajjeb flimkien** jikber f'tempju mqaddes fil-Mulej: li fih intom ukoll mibnijin flimkien biex tkunu l-għamara t'Alla permezz ta' l-Ispirtu." Hawnhekk Pawlu jgħid li aħna issa mibnijin fuq dak li qalu l-appostli u l-profeti, flimkien ma' dak li qal Ġesu li Hu nnifsu kien imxandar lilna ukoll permezz ta' l-appostli u l-profeti. Il-bini jeħtieġ li jkun mgħaqqad tajjeb. Infatti anke f'Efesin 4:25 insibu hekk; "Għalhekk warrbu l-gideb, u kull wieħed jitkellem is-sewwa mal-ġar tiegħu: għax aħna membri ta' xulxin." Aħna membri ta' l-istess Ġisem ta' Kristu u għalhekk irridu nimxu fis-sewwa biex inkunu nixbħu lil Ġesu nnifsu. Għalhekk meta nagħmlu t-tqarbin, aħna li nkunu maqgħuda f'Ġisem wieħed, il-Ġisem ta' Kristu, jeħtieġ li nkunu magħqudin tajjeb, jeħtieġ li nkunu nafu xi tfisser li tkun parti mill-Ġisem ta' Kristu u timxi fuq tagħlimu. Kull min jemmen f'Ġesu, jemmen ukoll li huwa midneb għax jemmen li Ġesu huwa s-Salvatur. Kieku hawn xi ħadd bla dnub, kieku dan ix-xi ħadd m'għandux bżonn salvatur. Marija stess stqarret li hi midinba, għax għarfet lil Ġesu bħala Salvatur tagħha f'Luqa 1:47. Għalhekk li tagħraf li inti parti mill-Ġisem ta' Ġesu, huwa li tagħraf ukoll li inti midneb u huwa propju għalhekk li meta tinaqgħad mal-Ġisem ta' Ġesu (li hija l-Knisja tiegħU) għall-mejda tal-Mulej, teżamina lilek innifsek qabel u titlob maħfra.

Qabel isir il-qsim tal-ħobż u l-frott tad-dielja, wieħed irid **jirringrazzja** lil Alla ta' dak li jkun ipprovdilu. B'hekk inkunu qed nimxu fuq l-eżempju ta' Ġesu fl-Aħħar Ċena.

***Kif nipparteċipaw b'mod sħiħ u skond ir-rieda ta' Alla?***

F'Mattew 26:26 Ġesu qal; "Ħudu, kulu; dan hu ġismi" u f'vers 27 jgħidilna: "Ixorbu *lkoll* minnu". Iġifieri Ġesu jridna nfakkru l-mewt, il-qawmien u t-tieni miġja tiegħU billi nipparteċipaw kemm bil-ħobż u kif ukoll bl-inbid. Ma nistgħux nieħdu l-ħobż biss jew l-inbid biss għax l-ordni tal-Mulej kienet "kulu" u "ixorbu". F'1 Korintin 11:26 insibu, "Għax kull darba li **tieklu dal-ħobż u tixorbu dal-kalċi**, tħabbru mewt il-Mulej sakemm jiġi." Iġifieri meta nagħmluhom it-tnejn li huma nkunu qed nipparteċipaw b'mod sħiħ.



Importanti li turi lil Alla li inti temmen fih billi timxi mal-Kelma tiegħU u tobdi KULL ordni li tana Hu. Ma tistax tneħħi jew iżżid ma' dak li qalilna biex nagħmlu. Min jipprattika l-Kelma ta' Alla jkun verament qed juri lil Alla li hu iben/bint tiegħU għax li tgħid li temmen fiha biss mhux biżejjed. Ix-xitan ukoll kien jemmen fil-Kelma ta' Alla u dan jidher mir-referenzi li għamel ix-xitan meta ttenta lil Ġesu. Jekk nieħdu eżempju f'Mattew 4:6 ix-xitan jgħid lil Ġesu; "għax hu *miktub*: Hu jqabbad l-anġli tiegħu jieħdu ħsiebek: u f'idejhom iżommuk 'il fuq, li ma taħbatx sieqek ma' xi ġebla."

Hawnhekk naraw li x-xitan jaf x'hemm miktub fil-Bibbja u jemmen li dak li hemm miktub huwa veru għax hu ra l-kobor t'Alla b'għajnejh stess u kien għalhekk li ġab it-telfien għalih innifsu għax ried ikun akbar minn Alla. Allura dan jurina li anke x-xitan jaf x'hemm fil-Kelma t'Alla għax jikkwotaha, imma ma jimxix magħha!

Ix-xitan iżid u jnaqqas mil-Kelma t'Alla. Dan jidher bi ċar meta f'Ġenesi, kulma żied kienet mistoqsija fuq lil kien qal Alla lil Adam u Eva u b'hekk daħħal id-dubju u wara daħal id-dnub. Allura, inkunu qed nuru verament li aħna t'Alla jekk inżidu u nnaqsu mill-Kelma tiegħU? Għalhekk huwa importanti li meta nieħdu sehem mill-mejda tal-Mulej, nieħdu sehem kemm bil-ħobż, u kif ukoll bil-frott tad-dielja.

Importanti li meta nitqarbnu nistennew lil xulxin biex kulħadd jiekol u jixrob f'daqqa biex inkunu f'għaqda ma' xulxin. "Għalhekk, ħuti, meta tiltaqgħu flimkien biex tieklu, stennew lil xulxin" (1 Korintin 11:33)

***Kif kienu jagħmlu t-tqarbin il-Kristjani tal-bidu?***

Jekk tfittex fuq l-istorja ta' l-ewwel Kristjani issib li dawn ma kinux jipparteċipaw fit-tqarbin billi jemmnu lil-ħobż isir ġisem Ġesu tassew. Imkien m'hemm fil-Bibbja li juri li l-ħobż *isir* il-ġisem u l-inbid *isir* id-demm. Kienu jipparteċipaw biex jagħmlu t-tifkira ta' dak li għamel Ġesu. Li l-ħobż u l-kalċi jsiru verament il-ġisem u d-demm ta' Ġesu hija teorija li ġiet żviluppata fit-tielet seklu wara Kristu.

F'Atti 2:41-42 "Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tiegħU bil-ferħa kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak inhar madwar tlett elef ruħ. U komplew iżommu sħiħ fit-tagħlim u fix-xirka ta' l-appostli, u **fil-ksir tal-ħobż**, u fit-talb." U vers 46 jgħid hekk, "U baqgħu kuljum jiltaqgħu b'fehma waħda fit-tempju, **jiksru l-ħobż minn dar għal dar**, u jieklu l-ikel tagħhom bil-ferħ u s-safa tal-qalb."- "*jiksru l-ħobż minn dar għal dar"* turi li dak iż-żmien kienu jaqsmu l-ħobż u jissieħbu fl-ikla tal-Mulej fi djar ta' xulxin minkejja li kellhom it-tempji. B'dan nifhmu li ma kienx hemm bżonn knejjes (knisja bħala binja għax il-knisja ta' Kristu magħmula mill-bnedmin hija importanti ħafna biex wieħed jitgħallem u jsaħħaħ il-fidi), artali u tabernakli biex tipparteċipa fl-ikla tal-Mulej. Il-kristjani tal-bidu kienu fehmu li "Alla l-Għoli **ma jgħammarx f'tempji** magħmulin bl-idejn" u li Alla qal: "liema dar tibnuli? Għid il-Mulej: jew liema hu l-lok tal-mistrieħ tiegħi?" (Atti 7:48-50) biex wieħed ikun jista' jieħu sehem mill-ewkaristija. Dan għaliex aħna tempji ta' l-Ispirtu s-Santu u Alla qiegħed jgħammar fina l-ħin kollu mhux waqt it-tqarbin biss.

Għalhekk rajna xi tfisser eżatt li tieħu sehem fit-tqarbin. Rajna ukoll li meta tipparteċipa fit-tqarbin, tkun qed tinaqgħad mal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja. Għalhekk huwa importanti li l-għaqda tagħna tkun skond kif iridha l-Mulej. Jekk ix-xirka li inti tinaqgħad magħha hija waħda li dak li temmen hi (bħala komunita'), imur kontra l-Kelma ta' Alla, allura inti meta tipparteċipa fit-tqarbin, tkun qed tinaqgħad ukoll mat-twemmin ta' dik il-komunita' għax kif qal Pawlu stess: "Iżda huma issa ħafna membri, iżda ġisem wieħed" (1 Korintin 12:20). Iġifieri meta tipparteċipa f'xi ħaġa fil-knisja, għalkemm ħafna persuni jkunu qed jipparteċipaw, f'dak il-mument, Kristu jkun qed jarana bħala ħaġa waħda, ġisem wieħed. Għalhekk fittex li tissieħeb ma' għaqdiet li jiffurmaw il-Ġisem ta' Kristu kif iridha Ġesu ħalli ma tkunx qed tissieħeb ma' twemmin li jmur kontra l-Kelma ta' Alla.

***Konklużjoni:***




*Jekk inti illum għaraft min hu tassew Ġesu u tridu jidħol b'mod reali fil-ħajja tiegħek għal dejjem u tgħix għalih, allura itlob din it-talba:*

*Mulej, jien nammetti li jiena midneb. Ma jistħoqqlix li nikseb il-ġid tas-saltna tiegħek, iżda nemmen li inti tant tħobbni li bgħattli lil Ġesu ibnek biex imut għalija, għall-maħfra ta' dnubieti. Nemmen ukoll li Hu ħareġ rebbieħ fuq il-mewt tiegħu u b'hekk jista' ukoll joħroġ lili rebbieħ fuq il-mewt meta jogħġbok issejjaħli. Jiena nemmen li Ġesu huwa l-Unika Salvatur u li Hu biss jista' jaħfirli dnubieti biex nidher nadif quddiem it-tron tiegħek u ngħix il-ħajja ta' dejjem miegħek. Grazzi Mulej talli tajtni s-salvazzjoni u ħallast prezz hekk kbir. Għinni nurik aktar l-apprezzament ta' dan billi tgħinni fi triqati kollha ħalli ngħix għalik. F'isem Ġesu Kristu jien nitlob dan. AMEN*